**26 ta' April, 1993**

**Imħallef: –**

**Onor. Carmel A. Agius B.A, LL.D.**

Il-Pulizija (Spt. Raymond Vella Gregory)

*versus*

Mohammed Trabelsi

**Mediċina Perikoluża – Droga – Prokurar ta' Droga**

*Il-kliem tal-liġi, kwantu jikkonċerna r-reat ta' min iforni jew jipprokura mediċina speċifikata, ġie f'dan il-każ interpretat li jkopri wkoll l-attività ta' min jaċċetta li jżomm għal ħaddieħor id-droga eroina u jforniha lil dik l-istess persuna li tkun tathielu kif u meta mitlub minnha, aktar u aktar meta kien ovvju, bħalma kien f'dan il-każ, illi si trattava ta' traffikar ta' droga jew ta' impriża ta' traffikar ta' droga li fiha l-appellant daħal bix-xjenza kollha.*

Is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-11 ta' Diċembru, 1992 li minnha sar l-appell preżenti taqra hekk:

Rat l-atti kollha ta' l-imputazzjoni miġjuba fil-konfront ta' l-imputat fuq l-akkużi talli fl-Imsida fit-3 ta' April, 1992 u fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer fix-xhur ta' qabel din id-data:

a) Forna jew offra li jforni jew ipprokura jew offra li jipprokura d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta lil persuna jew għal xi persuna jew persuni mingħjar

ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta u mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern ta' Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) jew xi awtorità mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġa mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 għall-Kontroll Intern tad-drogi perikoluż (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar Mediċini Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b) Kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza Dwar Mediċinali Perikoluż Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet ta' l-4 u s-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort'oħra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornita lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif ipprovdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikolużi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar Mediċinali Perikolużi Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

*Omissis;*

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-imputat Mohammed Trabelsi li permezz tiegħu talab li din il-Qorti jogħġobha tirrevoka s-sentenza appellata billi ssibu mhux ħati u tilliberah minn kull ħtija u piena;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

L-appell huwa bbażata fuq dawn l-aggravji li ġejjin:

(1) Illi l-ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin kemm tal-provi kif ukoll tal-liġi. Huwa jissottometti illi l-ewwel akkuża bl-ebda mod ma ġiet ippruvata fil-konfront tiegħu minħabba f'hekk;

(2) L-Ewwel Qorti kkonkludiet li l-ewwel akkuża tissusisti a bażi tal-fatt biss li l-imputat ammetta li wara li t-Tuneżin Sharif ħalla l-effetti għandu, ħa lura xi żewġ qratas. L-ewwel Qorti qalet illi a bażi ta' dan il-fatt, l-imputat ma baqax aktar il-persuna li tinsab fil-pussess tad-droga, imma sar il-figura tal-persuna li effettivament u materjalment forna jew ipprokura droga lil persuna oħra. L-appellant ma jaqbilx ma' dan u jissottometti illi l-konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti kienet żbaljata. Skond hu l-kliem 'prokurar' ifisser li bniedem ikun akkwista mingħand xi ħadd id-droga biex wara jgħaddiha lil xi ħadd ieħor. F'dan il-każ huwa bl-ebda mod ma pprokura d-droga għal Sharif imma kien Sharif innifsu li pprokura d-droga. Skond l-appellant żgur li ma hux l-ispirtu tal-liġi li din tiġi interpretata bil-mod kif ġiet interpretata mill-Ewwel Qorti. Inoltre ma hemm l-ebda provi

oħra in sostenn ta' l-ewwel akkuża;

(3) Fl-aħħarnett l-appellant appella wkoll mill-piena billi jissottometti illi din kienet waħda eċċessiva;

Ikkunsidrat:

Illi għalkemm din il-Qorti tifhem illi l-aggravju prinċipali ta' l-appellant huwa motivat fuq konsiderazzjonijiet ta' indoli legali, però din il-Qorti ma tistax taqbel illi l-istess aggravju jista' b'xi mod jiġi kkunsidrat fondat. Il-posizzjoni ta' l-ewwel akkuża hija waħda sempliċi u ċjoè jkun ħati tar-reat hemm dedott min jiffornixxi jew joffri li jiffornixxi jew jipprokura jew joffri li jipprokura d-droga eroina lil persuna jew persuni jew għal xi persuna jew persuni mingħajr ma jkollu liċenzja *ad hoc* kif tirrikjedi l-liġi. Din il-Qorti tagħmel enfasi fuq il-kliem lil persuna/i jew għal xi persuna/i li jissemmew fl-akkuża u minnhom għandu joħroġ ċar illi l-gamma ta' attività li l-leġislatur jipprova jilħaq bid-disposizzjoni relattiva, hija waħda vasta u tkopri wkoll l-aġir ta' l-appellant illi *ex admissis* aċċetta li jżomm għal ħaddieħor id-droga eroina u li jforniha kif u meta mitlub għal persuna jew persuni jew lil persuna jew persuni. Il-fatt illi skond hu si tratta ta' l-istess persuna li poġġietu fil-pussess ta' l-istess eroina, huwa rrilevanti għall-fatt in eżami, peress illi hawn hu ovvju, anke mill-iktar punti elementari li hemm f'dan il-każ, illi *si trattava* ta' traffikar ta' droga jew ta' impriża ta' traffikar tad-droga, li fiha l-appellant daħal bix-xjenza kollha. Għalhekk din il-Qorti ma tarax kif l-appell tiegħu jista' jiġi akkolt kwantu għal dik li jirrigwarda l-ewwel akkuża;

L-istess jingħad għall-kumplament ta' l-appell peress illi din il-Qorti tara illi ma hemm xejn fih li talvolta jista' jikkonvinċiha

illi tiddipartixxi minn dak li ddeċidiet l-ewwel Onorabbli Qorti. Dan qed jingħad ukoll anke għal dik li hija piena, peress illi din il-Qorti tara illi l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti hija waħda ġusta u timmerita konferma;

Għal dawn il-motivi, tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.